MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Numru 846/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmel Abdilla)
vs
Elton John Laferla, iben Maurice,
imwieled Pieta' fl-4 ta' ġunju, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl tat-13 ta' awissu, 2005 bejn is-2.15 a.m. u is-2.30 a.m. waqt li kien is-Sabor Club, Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan u fil-viċinanżi –
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew qiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Sebastian Grima, kif iċċertifika Dr. B. Flores Martin M.D. taċ-Ċentru tas-saħħa tal-Gżira;
2. talli bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies, bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216 u 338(mm) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tiegħu. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------